10 ta' April 2019

**Onor. Adrian Delia** LLD
**Kap tal-Oppożizzjoni**
**Dar Ċentrali Partit Nazzjonalista**
**Pietà**

Għażiż Kap,

Nirreferi għall-kontroversja li nqalgħet dwar laqgħa li jiena kelli mas-Sur Yorgen Fenech akkumpanjat mill-kollega Kristy Debono u xtaqt ninformak b'li ġej;

1. Kienet l-intenzjoni li norganizza konferenza politika fuq bażi non-profit li għaliha fittixt sala tal-konferenzi bla ħlas.

2. Il-konferenza kienet għadha fi stadju ta' ppjanar u bħalma taf kwistjonijiet loġistiċi qatt ma jiġu diskussi miegħek u allura f'dan il-każ sar l-istess.

3. Jien oriġinarjament għamilt appuntament ma' direttur ieħor ta' Tumas Group iżda fl-aħħar ħinijiet kont riferut għas-Sur Yorgen Fenech.

4. Kristy Debono ma kenitx mgħarrfa bit-tibdil tal-appuntament li sar fl-aħħar ħinijiet u allura llum qiegħda taffaċċja kritika ingusta.

5. Waqt il-laqgħa qasira li kellna mas-Sur Fenech ġiet diskussa l-konferenza biss u xejn iżjed.

6. Kollox sar fid-dawl tax-xemx u mingħajr ħabi ta' xejn.

Minkejja li naf li m'għamilt xejn ħażin inħoss li jien għandi nerfa' r-responsabbilta` tan-nuqqas ta' attenzjoni tiegħi.

Inħoss ukoll li l-kontroversja li tqajjmet qiegħda ttellef lilek u lill-Partit tagħna milli jkompli jagħmel il-ġlieda tiegħu għas-sewwa b'serenità u effetività.

Jien qiegħed fil-politika biex inservi u dejjem għamilt ħilti biex inservi lil kull Kap li kelli u lill-Partit bl-akbar onestà u lealtà.

Dejjem emmint li l-Partit hu akbar minn kull individwu, kif dejjem emmint ukoll li fil-politika rridu mhux biss nagħmlu dak li hu sewwa imma nidhru wkoll li qed nagħmluh.

Għaldaqstant qiegħed b'effett immedjat nissospendi ruħi mill-grupp parlamentari u fl-istess ħin nitlob lill-Partit jaħtar bord biex jinvestiga l-aġir tiegħi.

Sadanittant anke jekk mhux ser inkun qed nifforma parti mill-grupp parlamentari xorta nassigurak li fil-Parlament ser inkun dejjem qiegħed nimxi mal-linja tal-Partit li jien tant inħobb.

Inselli għalik,

**Onor. Hermann Schiavone** PHD